**26 ta' Awissu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Tabone

**Provokazzjoni - Sokor - Konkors Formali ta' Reati - Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66)**

*Biex provokazzjoni tkun tista' titqies bħala skużanti, trid tissodisfa r-revkwiżiti kollha tal-proviso ta' l-artikolu 227 (c). Fost dawn ir-rekwiżiti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt". Il-kriterju, għalhekk, huwa wieħed oġġettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju.*

*Is-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali ħlief fil-każijiet ikkontemplati fis-subartikoli (2) u (4) ta' l-*

*artikolu 34 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Ma hemmx konkors formali ossia ideali tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna bi strument li jaqta' jew iniggeż u r-reat ta' min ikollu f'idejh jew fuqu sikkina mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il- "fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux neċessarjament l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat. Il-qofol tat-tieni reat hu n-nuqqas ta' liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, indipendentement minn x'użu wieħed jagħmel minn dik is-sikkina.*

*Hemm konkors formali ossia ideali tar-reat ta' offiża fuq il-persuna bi strument li jaqta' jew iniggeż u r-reat ta' pussess ta' armi tan-nar fit-termini ta' l-artikolu 26 (a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Emanuel Tabone talli f'Ħal Qormi, fl-10 ta' Novembru, 1996, għall-ħabta ta' xi l-11.00 p.m. (1) dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna, u ċjoè lil Espedito Briffa minn Ħal Qormi, jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta (mus), xejjer daqqa lejn il-partijiet vitali (żaqq) ta' l-imsemmi Espedito Briffa, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (2) u aktar talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta (mus), ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-perrsuna ta' Espedito Briffa minn Ħal Qormi, u dan skond dak li ċċertifika verbalment Dr. Jonathan Joslyn M.D., ta' l-Isptar San Luqa; (3) u aktar talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, waqt il-kummissjoni ta' reat kontra l-persuna, kellu fil-pussess tiegħu, żamm u ġarr arma li taqta' u bil-ponta (mus), mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija; (4) u aktar talli fl-istess lok, jum u ċirkostanzi, bil-lejl

kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat jew b'mod ieħor; (5) u aktar talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, għamel ħsara volontarja fil-ħanut tax-xorb Ta' Victor Pub, sitwat fi Triq San Bastjan, Ħal Qormi, liema ħsara ma teċċedix l-għaxar liri Maltin (Lm10); (6) u aktar talli huwa sar reċidiv *ai termini* ta' l-artikolu 49 u l-artikkolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi; (7) u aktar talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hu kien ġie mogħti *conditional discharge* bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Awla nru. sebgħa), li hija ddatata 22 ta' Mejju, 1996;

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali ddatata 19 ta' Mejju, 1997, li permezz tagħha l-imsemmi Avukat Ġenerali waqqa' l-akkuża oriġinali ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u minflok irravviża s-segwenti reati fil-konfront ta' l-imsemmi Emanuel Tabone:

Tentattiv ta' offiża gravissima (artikolu 41 (1) (a) u 218, Kap. 9);

Offiża gravi b'arma regolari inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż (artikolu 216 (1) (a), (b), (ċ), (d) u 217, Kap. 9);

Pussess ta' sikkina mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (artikolu 13 u 19, Kap. 66);

Pussess ta' arma regolari fil-ħin ta' l-għemil ta' delitt kontra l-persuna (artikkolu 26 (a), Kap. 66);

Ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku (artikolu 338 (dd), Kap. 9);

Ħsara volontarja f'ammont ta' *anqas minn għaxar liri* (artikolu 325 (d), Kap. 9);

Reċidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Ka. 9; u

Ksur ta' *conditional dischage* (artikolu 10 (1) (a), Kap. 152);

Rat li l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-kawża tiġi deċiża bi proċedura sommarja mill-Qorti Inferjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' Frar, 1998, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Tabone ħati ta' tentattiv ta' offiża gravi b'arma regolari inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż; sabitu ħati ukoll skond l-imputazzjonijiet numru tlieta, erba', ħamsa, sitta, sebgħa u tmienja kif indikati fin-nota ta' l-Avukat Ġenerali aktar 'il fuq imsemmija; u kkundannatu għall-piena komplessiva ta' (3) tliet snin priġunerija "bit-tnaqqis ta' *kull żmien li huwa* għmel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ, u ċjoè, mit-12 ta' Novembru, 1996 sas-26 ta' Novembru, 1996";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Tabone minnu ppreżentat fit-23 ta' Frar, 1998, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; *ikkunsidrat:*

L-ewwel aggravju *ta' l-appellant hu li hu kien qiegħed* jaġixxi taħt provokazzjoni u dan minħabba l-fatt li Espedito Briffa kien għadda ċerti kummenti sarkastiċi jew botti b'konnotazzjonijiet u sfond politiku. L-appellant għalhekk

jikkontendi li hu ġie pprovokat li jaġixxi kif aġixxa. Issa, għalkemm huwa minnu li Briffa għadda ċerti kummenti li setgħu dejqu jew addirittura urtaw lill-appellant, b'danakollu ma jfissirx li dak li għamel l-appellant hu skużabbli f'għajnejn il-liġi. Il-kummenti li għadda Briffa b'ebda mod ma kienu jammontaw għal xi forma ta' inġurja fil-konfront ta' l-appellant kif ravviżat fl-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali, u konsegwentement ma jistax jingħad li kien hemm "delitt kontra l-persuna" fis-sens *tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 230. Biex* "provokazzjonijiet" oħra jkunu jistgħu jitqiesu bħala skużanti jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-proviso tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 227. Fost dawn ir-rekwiżiti hemm li l-provokazzjoni trid tkun *tali* "*illi* f'nies ta' temperament ordinarju komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt" (sottolinear tal-Qorti). Il-kriterju, għalhekk, huwa wieħed oġġettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tistax taċċetta illi f'pajjiż ċivili u demokratiku l-kummenti jew botti sarkastiċi b'ton politiku jwasslu lill-bniedem ta' temperament ordinarju, anke jekk ta' temperment mediterranju, li jintilef b'tali mod li ma jkunx jista' jirrifletti dwar il-konsegwenzi ta' għemilu. Jista' jiġrilu hekk il-fanatiku jew altrimenti l-bniedem ultra-sensittiv, iżda ċertament mhux il-bniedem ta' temperament ordinarju. Wara *kollox il-botti u kummenti sarkastiċi, sakemm ma* jiddeġenerawx f'reat, huma parti mill-arsenal leġittimu ta' kull partit politiku, tan-nies tal-politika u tal-partitarji tagħhom. Dak li għamel l-appellant kien veru, b'reazzjoni għal dak li kien qal Briffa, iżda fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in diżamina, u għar-raġunijiet appena mfissra dak li għamel l-appellant ma kienx jibbenefika mill-iskuża tal-liġi. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qed jiġi respint;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu, bażikament, li l-Ewwel Qorti tat intepretazzjoni ħażina dwar il-liġi tas-sokor. Dan l-aggravju hu wieħed fieragħ. *Għalkemm l-appellant kien ilu fil-*

bar in kwistjoni jixrob, b'ebda mod ma jista' jingħad li hu kien fis-sakra, is-sens li ma kienx jaf x'inhu jagħmel. Il-liġi in materja hija ċara: is-sokor ma jsitax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali ħlief fil-każijiet ikkontemplati fis-subartikoli (2) u (4) ta' l-artikolu 34 tal-Kodiċi Kriminali. L-istqarrija dettaljata li l-appellant għamel lill-pulizija dwar dak li kien ġara fil-ħanut hi prova elokwenti li hu mhux biss ried jagħmel dak li għamel iżda li f'dak il-ħin kien fil-kontroll sħiħ tas-setgħat tiegħu intellettivi u volittivi. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

It-tielet aggravju ta' l-appellant hu "dwar ir-reat tal-pussess ta' l-arma per se". Hawnhekk l-appellant jesprimi ruħu b'mod mill-aktar konfuż b'mod li hu ferm diffiċli għal din il-Qorti li tifhem eżattament x'irid jgħid. Jekk l-appellant qed jgħid li bejn ir-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna bi strument li jaqta' jew iniggeż u r-reat ta' min ikollu f'idejh jew fuqu sikkina mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (artikolu 13 (1), Kap. 66) hemm konkors formali ossia ideali ta' reati, allura l-appellant m'għandux raġun. Il- "fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux neċessarjament l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat. Il-qofol tat-tieni reat hu n-nuqqas ta' liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, indipendentement minn x'użu wieħed jagħmel minn dik is-sikkina. Jekk, però, l-appellant qed jgħid li ma setax jinstab ħati tar-reat ta' offiża fuq il-persuna bi strument li jaqta' jew iniggeż u tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 26 (a) tal-Kap. 66, allura għandu raġun, ġaladarba l-istess arma li kellu fuqu intużat biex issir l-offiża fuq il-persuna, hemm "fatt" wieħed, u l-appllant għandu jwieġeb biss għar-reat l-aktar gravi;

L-appellant jilmenta ukoll li ma setax jinstab ħati ta' tentattiv ta' offiża gravi u li l-provi kienu jwasslu biss għal offiża ħafifa. Din il-Qorti ma taqbilx. L-Ewwel Qorti kellha quddiemha provi biżżejjed li a bażi tagħhom setgħet legalment u

raġonevolment tasal għall-konklużjjoni li waslet għaliha, u ċjoè li kien hemm l-intenzjoni speċifika li wieħed jikkaġuna offiża gravi (senjatament ferita li tippenetra waħda mill-kavitajiet tal-ġisem) u dan kemm mit-tip ta' arma li ġiet użata (arma penetranti) kif ukoll mill-post fuq il-ġisem ta' Briffa fejn ġiet vibrata d-daqqa;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti ser tirriduċi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u dan minħabba li ser tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat ikkontemplat fl-artikolu 26 (a) tal-Kap. 66;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Emanuel Tabone ħati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 26 (a) tal-Kap. 66 u għalhekk tilliberah mill-imputazzjoni li kienet tipotizza dak ir-reat; tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ukoll għall-piena ta' tliet snin priġunerija bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv mit-12 ta' Novembru, 1996 sas-26 ta' Novembru, 1996 u minflok dik il-piena tikkundannah għall-piena ta' sentejn u xahrejn priġunerija (dejjem bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv mit-12 ta' Novembru, 1996 sas-26 ta' Novembru, 1996) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

---